**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2018**

**Talba Nru: 131/2018 PM1**

**Soren Nygaard Anderson (ID Nru. 582683(M))**

**Vs**

**Roderick Pace (ID Nru. 542190(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa (5) t' April, elfejn u tmintax (2018) permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas "*s-somma ta' tlett elef seba' mija u sitta u ghoxrin euro (€3726.14)*" (sic) rapprezentanti provista ta' 'pet food' minnu stess ordnati mir-rikorrenti bhala sid jew l-persuna li jiggestixxi hanut bl-isem 'Roderick Pet Shop' go Hal-Ghaxaq, liema prodotti baqghu qatt ma thallsu minkejja li l-intimati gie interpellat permezz ta' ittra, bl-ispejjez inkluz l-imghax legali kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher fis-seduta tas-6 ta’ Gunju, 2018 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-6 ta’ Gunju, 2018 u fil-fatt l-intimat ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. It-Tribunal jinnota li s-somma indikata fi kliem fit-talba hija marginalment differenti mill-figura indikata fil-parentesi fl-istess talba (€3726.14 - differenti b’erbatax-il centezmu) u wkoll hija marginalment differenti minn dik indikata fl-ewwel faccata tal-avviz (€3726.17 differenti bi sbatax-il centezmu). It-Tribunal isib li f’dan ir-rigward l-ammont espressament indikat bi kliem (u kwindi s-somma ta’ tlett elef seba’ mija u sitta u ghoxrin euro (€3726)) ghandu jipprevali fuq iz-zewg figuri marginalment differenti indikati f’figuri fl-avviz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ tlett elef seba’ mija u sitta u ghoxrin euro (€3726) rapprezentanti prezz ta’ provista ta’ ‘pet food’ minnu stess ordnata u mhux mhallsa bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**